# *Reġa' Wasal il-Milied*

*Reġa' wasal il-Milied,*
*Żmien il-ferħ u l-hena;*
*Jiena nħoss li dan iż-żmien,*
*Kulħadd b'ħerqa jkun jistenna.*

*Iħobbuh it-tfal ċkejknin,*
*Iż-żgħażagħ, anke l-kbar;*
*Kulħadd jixtieq li jgawdi,*
*Daż-żmien ta' festi u xalar.*

*Iżda l-iskop tal-Milied,*
*Hu li nfakkru l-miġja;*
*Ta' meta l-Iben t'Alla,*
*Twieled fostna f'din id-dinja.*

*Twieled f'għar ċkejken f'Betlem,*
*Li fuqu l-kewkba ddiet;*
*Imfisqi ġo maxtura,*
*Kien il-fqajjar Re tar-Rejiet.*

*X'ferħ ħasset il-Madonna,*
*Omm daċ-ċkejken Bambin;*
*Għax welldet 'l Iben t'Alla,*
*Ġesù Kristu l-Ħaruf Divin.*

*Nixtieq li l-ferħ tal-Milied,*
*Ma jkunx biss f'dan iż-żmien;*
*Iżd' għandu jibqa' jsaltan,*
*Dejjem fostna bla ebda tmiem!*

*Cynthia Camilleri Cauchi*